# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI
## ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA
## ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 27 ta' Ottubru 2017**

**Numru 5**

**Citazzjoni numru 2590/99 JRM**

**Chef Choice Limited**

**v.**

**Raymond u Rita koppja Galea**

**Il-Qorti:**

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili moghtija fis-26 ta' Settembru 2013 li qed tigi riprodotta ghall-ahjar intendiment:

> "Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fil-25 ta' Novembru, 1999, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-kumpannija attriċi talbet li din l-Qorti (i) ssib li l-imħarrek Raymond Galea approprija ruħu indebitament jew dawwar f'benefiċċju għalih merkanzija tagħha u b'hekk ikkawżalha danni li għandu jwieġeb għalihom; (ii) tillikwida, jekk meħtieġ billi taħtar perit għal dan il-għan, id-danni mġarrbin minnha minħabba l-imġiba tal-imħarrek; u (iii) tikkundanna lill-imħarrkin iħallsuha d-danni hekk likwidati. Talbet ukoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali u żammet sħaħ il-

jeddijiet kollha tagħha għal kull azzjoni, magħduda dik kriminali, kontra l-imħarrek;

"Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrkin miżżewġin Galea fis-27 ta' Jannar, 2000, li biha laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalu li ċ-Ċitazzjoni ma jiswiex għaliex ma kienx hemm firma ta' Prokuratur Legali ma' dak l-att. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li t-talbiet attriċi ma humiex mistħoqqa għaliex m'huwiex minnu li l-imħarrek approprija għalih flejjes tal-kumpannija attriċi, kif kellu jintwera waqt is-smigħ tal-kawża;

"Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukat difensur tal-imħarrkin waqt is-smigħ tal-24 ta' Frar, 2000[1], li bih irtiraw l-ewwel eċċezzjoni tagħhom;

"Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-22 ta' Mejju, 2000[2], li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju;

"Rat ix-xhieda mressqa quddiemha mill-partijiet;

"Rat id-degriet tagħha tas-17 ta' Ġunju, 2005[3], li bih ħassret il-ħatra ta' perit komputista liema ħatra kienet saret irritwalment mill-Assistent Ġudizzjarju;

"Rat id-degriet tagħha tad-19 ta' Settembru, 2005[4], li bih u fuq talba magħmula mill-kumpannija attriċi b'rikors tagħha tat-2 ta' Settembru, 2005, ħatret lill-Avukat Malcolm Crockford bħala perit komputista;

"Rat id-degriet tagħha tad-29 ta' Novembru, 2007[5], li bih u fuq talba magħmula mill-perit komputista b'rikors tiegħu tas-7 ta' Novembru, 2007, ħassret il-ħatra tiegħu;

"Rat id-degriet tagħha tal-25 ta' Frar, 2010[6] li bih ħassret il-ħatra tal-Assistent Ġudizzjarju u ordnatilha trodd lura l-proċess biex tirregola l-mixi 'l quddiem tal-kawża;

"Rat id-degriet tagħha tal-11 ta' Mejju, 2010[7], li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi u ordnat li t-trattazzjoni tal-għeluq issir b'Noti ta' Osservazzjonijiet u tathom żmien għal hekk;

"Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija attriċi fl-20 ta' Awissu, 2010[8];

"Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin fit-30 ta' Novembru, 2010[9], bi tweġiba għal dik imressqa mill-kumpannija attriċi;

[1] Paġ. 11 tal-proċess
[2] Paġ, 12 tal-proċess
[3] Paġ. 171tal-proċess
[4] Paġ. 173 tal-proċess
[5] Paġ. 246 tal-proċess
[6] Paġ. 338 tal-proċess
[7] Paġ. 339 tal-proċess
[8] Paġġ. 342 – 5 tal-proċess

"Rat l-atti kollha tal-kawża, magħduda dawk imressqin mir-Reġistratur tal-Qorti fuq talba tal-kumpannija attriċi relativi għall-proċeduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali meħuda kontra l-imħarrek u ħaddieħor;

"Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***"Ikkunsidrat:***

"Illi din hija kawża ta' risarċiment ta' dannu u radd lura ta' flus miżmuma minn impjegat mill-bejgħ ta' merkanzija waqt ix-xogħol tiegħu. Il-kumpannija attriċi tgħid li sabet li l-imħarrek kien iqarraq dwar il-bejgħ ta' merkanzija tagħha lil terzi u jżomm għalih parti mid-dħul. Tgħid li hija ġarrbet danni u telf minħabba f'hekk u trid li l-imħarrkin jagħmlu tajjeb għal dak it-telf

"Illi l-imħarrkin jiċħdu t-talbiet tal-kumpannija attriċi u jiċħdu li tassew saru l-affarijiet li hija taddebita lill-imħarrek;

"Illi l-fatti rilevanti marbutin mal-każ juru li l-imħarrek għamel żmien jaħdem mal-kumpannija attriċi (aktar 'il quddiem imsejħa "Chefchoice") bħala *salesman*. Huwa daħal jaħdem ma' Chefchoice l-ewwel darba bejn Awwissu tal-1994 u l-15 ta' Mejju, 1998. Raġa' daħal jaħdem magħha – dejjem bħala *salesman* – bejn it-3 ta' Awwissu, 1998 u d-29 ta' Ottubru, 1998[10];

"Illi waqt li f'Ottubru tal-1998 kien qed isir proċess ta' rikonċiljazzjoni ta' kunsinna u bejgħ ta' ġimgħa partikolari min-naħa tal-imħarrek, instabet diskrepanza dwar sitta u sebgħin (76) kilogrammi ta' qatgħat tal-laħam frisk tat-tiġieġ[11]. L-imħarrek m'għarafx jagħti tifsira għaliex ma ġabx il-flus tal-bejgħ ta' dak il-laħam;

"Illi Chefchoice temmitlu l-impieg tiegħu minn magħha minnufih. Ittieħdet id-deċiżjoni li ssir rikonċiljazzjoni dwar l-imħarrek dwar żminijiet aktar 'il bogħod. Dwar ix-xahar li l-imħarrek dam jaħdem ma' Chefchoice fit-tieni darba li daħal jaħdem magħha, instabet diskrepanza ta' b'kemm jiswew madwar elf lira Maltin (Lm 1,000) f'merkanzija mgħoddija lilu biex ibiegħha u li tagħha ma ġabx lura flusha lil Chefchoice. Chefchoice kitbet dwar dan lill-imħarrek fil-11 ta' Novembru, 1998, u talbitu jagħti l-kummenti tiegħi[12]. L-imħarrek wieġeb b'ittra mill-avukat tiegħu jumejn wara;

"Illi skrutinji oħra magħmula minn uffiċjali ta' Chefchoice u li jmorru lura għall-1996 urew li d-diskrepanzi jitilgħu għal madwar ħmistax-il elf lira

[9] Paġġ. 351 sa 360 tal-proċess
[10] Affidavit tal-imħarrek 7.11.2007, Dok "RG", f'paġ. 228 tal-proċess
[11] Xhieda ta' Mario Tabone 12.10.2000, f'paġ, 21 tal-proċess
[12] Dok "MT", f'paġ. 18 tal-proċess

Maltin (Lm 15,000)[13], kalkolati fuq il-prezz li l-merkanzija kienet tinbiegħ[14];

"Illi fit-twettiq ta' xogħolu, l-imħarrek kien ta' kuljum jitlob lil Chefchoice tfornih bil-merkanzija li huwa jkun irid jgħabbi fil-vann provdut lilu minn Chefchoice. Dak li l-impjegat *salesman* ikun ingħata, jitniżżel fuq formola tal-istess Chefchoice ("Form STK006") li l-impjeg kien jikkonferma u jiffirma[15]: din il-formola kienu jsejħulha l-"*loading sheet*"[16]. Fi tmiem il-ġimgħa, kienet trid issir rikonċiljazzjoni ta' dak li jkun fadal fil-vann meta mqabbel ma' dak li jkun ordna l-impjegat *salesman* matul dik il-ġimgħa, wara li jitnaqqas dak li tiegħu jkun ħallas mill-bejgħ tagħhom[17]. Wara jum tax-xogħol, l-impjegat *salesman* kien jerġa' lura għand Chefchoice u jħalli l-vann għandha, b'kulma jkun għad fadal fih, biċ-ċavetta fih[18] (xhud ta' Chefchoice xehed li ċ-ċavetta kien iżommha s-*salesman*)[19];

"Illi f'Lulju tal-1999, Chefchoice ressqet rapport lill-Pulizija (taqsima kontra l-frodi) kontra l-imħarrek u kontra l-i"*stock controller*" tal-kumpannija f'dak iż-żmien. Il-Pulizija mexxiet bil-proċeduri kriminali kontrihom. B'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-4 ta' April, 2003[20], l-imħarrek ma nstabx ħati tal-akkużi mressqa kontrih u nħeles minnhom;

"Illi l-kawża nfetħet f'Novembru tal-1999;

"Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>konsiderazzjonijiet ta' natura legali</u> li jsawru l-każ, ma jidhirx li għandu jkun hemm dubju li l-azzjoni attriċi tinbena fuq il-parametri tal-azzjoni delittwali u l-effetti li jitnisslu minnha. Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom, l-imħarrkin jgħidu li din il-Qorti hija miżmuma milli tistħarreġ l-ewwel talba attriċi ladarba din titkellem fuq "misapproprjazzjoni". Huma jgħidu li "l-kunċett ta' misapproprjazzjoni huwa wieħed esklussivament ta' natura penali u konsegwentement din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex il-kompetenza neċessarji (*sic*) sabiex tiddikjara dak mitlub mis-soċjeta' attriċi"[21];

"Illi l-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni. Ma tqisx li m'għandhiex is-setgħa li tisma' u taqta' l-kawża għar-raġuni mogħtija mill-imħarrkin. Il-kompetenza tal-Qorti tiddependi mill-għamla ta' kawża li titressaq quddiemha, u l-fatt li f'azzjoni ċivili ssir xilja ta' mġiba li, f'oqsma oħra, tista' tagħti lok ukoll għat-teħid ta' proċeduri kriminali, ma jġibx b'daqshekk li din il-Qorti tieqaf milli twettaq dmirha. Ma jridx jintesa li l-liġi nnifisha trid li l-proċediment kriminali u dak ċivili (dwar l-istess fatt) jitmexxew għal rashom. Fuq kollox, ix-xilja ta' Chefchoice hija, fil-qofol

[13] Ara Dok "IP11" (prospett ta' *stock reconciliation* fl-Atti tal-Proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati)
[14] Xhieda ta' Mario Tabone 13.11.2008, f'paġ. 286 tal-proċess
[15] *Ibid*, f'paġ. 276 tal-proċess
[16] Ara Dok "IP08" (reġistru fl-Atti tal-Proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati)
[17] Xhieda ta' Mario Tabone 3.5.2006, f'paġġ. 181 – 4 tal-proċess
[18] Dok "RG", f'paġ. 229 tal-proċess
[19] Xhieda ta' Joseph Mizzi 27.2.2008, f'paġ. 258 tal-proċess
[20] Akkuża 756/99 "*Il-Pulizija (Spett. Ivan Portelli) vs Martin Formosa et*" Maġ. Abigail Lofaro
[21] Paġ. 351 tal-proċess

tagħha, li l-imħarrek żamm għalih flus li sata' ġabar mill-bejgħ lil terzi ta' merkanzija ta' Chefchoice bla ma taha kont tagħhom. Din hija xilja ċara biżżejjed li din il-Qorti tista' tiddeċiedi dwarha u li din il-Qorti għandha kull setgħa li tiddeċiedi dwarha;

"Illi lanqas il-fatt li l-imħarrek inħeles mill-akkużi miġjuba kontrih fil-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ma hija raġuni tajba, kif ukoll jissottomettu l-imħarrkin, biex din il-Qorti tieqaf milli tqis it-talbiet attriċi f'din il-kawża. Kif ingħad qabel, iż-żewġ proċedimenti jimxu għal rashom, minbarra li huwa magħruf u aċċettat wkoll li l-grad ta' prova mistenni fihom huwa differenti wkoll[22]. Għalhekk, dak li ma jitwassalx sal-grad mistenni fil-proċediment kriminali (jiġifieri, l-prova lil hinn minn kull dubju raġonevoli) ma jfissirx li ma jistax jitwassal sal-grad mistenni fil-proċediment ċivili;

"Illi, m'hemmx għalfejn jingħad li l-Qorti trid tagħti l-ġudizzju tagħha fuq dak li joħroġ mill-atti u fir-rigward biss ta' dawk li huma partijiet fil-kawża, u s-sentenza tagħmel stat biss fil-konfront tagħhom. Bħalma ngħad aktar qabel, l-azzjoni attriċi hija waħda ta' danni mibnija fuq id-delitt;

"Illi huwa aċċettat li biex persuna tista' tinsab responsabbli għall-ħsara li ħaddieħor ikun ġarrab bl-egħmil ta' dik il-persuna, m'huwiex meħtieġ li l-egħmil waħdu ta' dik il-persuna ikun il-kawża waħdanija tad-dannu mġarrab, għaliex biżżejjed jintwera s-sehem ta' dik il-persuna bin-negliġenza jew bir-rieda tagħha biex jintrabat magħha l-piż tar-responsabbilta' għal dak li jkun ġara. Iżda biex is-sehem ta' dik il-persuna jnissel il-ħtija u r-responsabbilta' li tiġi magħha, jeħtieġ jintwera (mill-parti li tallega d-dannu u bi prova tajba kif tistenna l-liġi) li dik il-ħtija nisslet id-dannu attwalment imġarrab u li tali dannu jkun imkejjel u ippruvat b'mod ċert[23]. Ir-rabta tal-kawżalita' hija meħtieġa tabilfors;

"Illi l-Qorti tqis li, għalkemm il-grad ta' prova fil-proċediment ċivili m'huwiex wieħed tassattiv daqs dak mistenni fil-proċediment kriminali, b'daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b'saħħithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-proċediment ċivili ma tistax tkun sempliċi supposizzjoni, suspett jew konġettura, imma prova li tikkonvinċi lil min irid jagħmel ġudizzju[24]. Iżda f'każijiet mibnija fuq id-delitt jew il-kważi-delitt, l-aktar meta jkun hemm imdaħħal xi egħmil tal-qerq tal-parti mħarrka huwa ammess li "*f'kawża ċivili d-dolo jista' jiġi stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet u ndizji, purke' s'intendi jkunu serji, preċiżi u konkordanti, b'tali mod li ma jħallu l-ebda dubju f'min hu msejjaħ biex jiġġudika*"[25];

---

[22] App. Ċiv. **25.2.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Żammit vs Petrococchino noe et*** (Kollez. Vol: **XXXVI.i.319**)
[23] P.A. TM **30.5.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***David Gatt vs Peter Calleja*** (mhix pubblikata)
[24] Ara P.A. DS **13.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Nancy Caruana vs Odette Camilleri*** (mhix pubblikata, imma f'dan ir-rigward, konfermata mill-Qorti tal-Appell fis-**27.2.2004**)
[25] P.A. PS **28.4.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ċiantar vs David Curmi et*** (konfermata mill-Qorti tal-Appell fid-**19.6.2006**)

"Illi minbarra dan, il-parti attriċi għandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi għat-talbiet tagħha b'mod li, jekk tonqos li tagħmel dan, iwassal għall-ħelsien tal-parti mħarrka[26]. Il-fatt li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, l-Qorti tista' tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha[27];

"Illi huwa għalhekk li l-liġi torbot lill-parti f'kawża li tipprova dak li tallega[28] u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova[29]. Fil-każ ta' azzjoni għal ħtija extra-kuntrattwali jew akwiljana, l-parti attriċi trid tipprova kemm il-fatt (l-għamil jew l-omissjoni) li bih tixli lill-parti mħarrka u kif ukoll li kien sewwasew dak il-fatt li ikkawża l-ħsara mġarrba;

"Illi Chefchoice tibni l-każ tagħha dwar ir-responsabbilta' tal-imħarrek Raymond Galea fuq tliet (3) ċirkostanzi. L-ewwel waħda hi li, meta kien konfrontat bis-sejba ta' diskrepanza fil-kwantita' ta' laħam li kien ħa u li tiegħu ma ġabx flus, kien qal li m'għandu l-ebda spjegazzjoni għal dan. It-tieni ċirkostanza hija li, meta Chefchoice keċċietu mill-impieg, huwa ma ħa l-ebda passi kontriha għat-tkeċċija allegatament inġusta. It-tielet waħda hi li l-imġiba tiegħu wara li kien konfrontat bl-istħarriġ tad-diskrepanzi misjuba, iżjed żied jagħtiha x'tifhem li kien tassew jaħti għan-nuqqasijiet;

"Illi fis-sewwa, mit-tliet raġunijiet mogħtija, l-imħarrek ma meriex biss l-ewwel waħda. Dwar it-tieni waħda, l-Qorti tqis li l-fatt li l-imħarrek ma ħax proċeduri dwar tkeċċija inġusta mill-impieg m'hijiex minnha nnifisha stqarrija ta' ħtija jew li ma kienx hemm tabilħaqq tkeċċija nġusta. Dwar it-tielet raġuni, l-imħarrek jisħaq li din m'hija raġuni tajba xejn u li Chefchoice ma jmissha qatt semmietha, ladarba kienet tikkonsisti f'offerta li huwa kien għamel mingħajr preġudizzju;

"Illi dwar il-kwestjoni tal-provi mressqa, il-Qorti għandha verżjonijiet ta' rappreżentanti ta' Chefchoice u l-verżjoni tal-imħarrek fis-sura ta' affidavit. Xhieda barranin ma tressaq kważi ħadd. Saru kontro-eżamijiet serrati tax-xhieda mressqa minn Chefchoice, iżda lanqas sar il-kontro-eżami tal-imħarrek, li wkoll ma ressaq l-ebda xhud min-naħa tiegħu. Iżda dak li jgħodd f'kawża m'huwiex l-għadd tax-xhieda mressqa għaliex "*il-fatt li xhieda jkunu ġew prodotti minn parti partikolari f'kawża ... ċertament ma jfissirx li l-Qorti hija marbuta li temmen b'għajnejha magħluqa, jew li temmen aktar, dak kollu li dawn ix-xhieda jgħidu 'favur' il-parti. Fuq kollox, ix-xhud ma jiġix prodott biex*

[26] App. Inf. JSP **12.1.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Hans J. Link et vs Raymond Merċieca***
[27] App. Inf. PS **7.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil***
[28] Art. 562 tal-Kap 12
[29] Art. 559 tal-Kap 12

*jixhed 'favur' parti jew 'kontra' oħra, imma jiġi prodott biex jgħid il-verita`, il-verita` kollha, u xejn anqas minn dik il-verita` kollha*"[30];

"Illi l-Qorti tqis li, iżda, bħalma jiġri f'każijiet bħal dawn, il-verżjonijiet tal-partijiet u ta' dawk li setgħu nvoluti magħhom ikunu tabilfors miżgħuda b'doża qawwija ta' apprezzament suġġettiv ta' dak li jkun ġara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpinġi lilha nnifisha bħala l-vittma u l-parti l-oħra bħala l-ħatja, u dan jgħodd ukoll għall-verżjonijiet li jagħtu dawk il-persuni l-oħrajn li jkunu b'xi mod involuti fl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgħarbel minn fost dawn il-verżjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistgħu jirriżultaw il-fatti essenzjali li jistgħu jgħinuha tasal biex issib x'kien li tassew ġara u kif imxew l-affarijiet;

"Illi l-Qorti tifhem li, fil-kamp ċivili, il-piż probatorju m'huwiex dak ta' provi lil hinn mid-dubju raġonevoli[31]. Iżda fejn ikun hemm verżjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistgħu jkunu plawsibbli, il-prinċipju għandu jkun li tkun favorita t-teżi tal-parti li kontra tagħha tkun saret l-allegazzjoni[32]. Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jseħħlux iwettaq dan, il-parti l-oħra m'għandhiex tbati tali nuqqas u dan bi qbil mal-prinċipju li *actore non probante reus absolvitur*[33]. Min-naħa l-oħra, mhux kull konflitt ta' prova jew kontradizzjoni għandha twassal lil Qorti biex ma tasalx għal deċiżjoni jew li jkollha ddur fuq il-prinċipju li għadu kemm issemma. Dan għaliex, fil-qasam tal-azzjoni ċivili, l-kriterju li jwassal għall-konvinċiment tal-ġudikant għandu jkun li l-verżjoni tinstab li tkun waħda li l-Qorti tista' toqgħod fuqha u li tkun tirriżulta bis-saħħa ta' xi waħda mill-għodda proċedurali li l-liġi tippermetti fil-proċess probatorju[34]. Fit-twettiq ta' eżerċizzju bħal dak, il-Qorti hija marbuta biss li tagħti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-raġunijiet u l-kriterju tal-ħsieb li hija tkun ħaddmet biex tasal għall-fehmiet tagħha ta' ġudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha[35];

"Illi tajjeb li jingħad li l-pretensjoni ta' Chefchoice dwar l-approprijazzjoni magħmula min-naħa tal-imħarrek hija msejsa fuq allegazzjoni. Meta ngħatat ix-xhieda dettaljata tal-uffiċjali tal-kumpannija li wettqu l-proċess ta' rikonċiljazzjoni tad-dokumentazzjoni li kienet tirrigwarda lill-imħarrek, ħareġ ċar li "bl-ebda mod din il-kumpannija ma tista' tgħid ċert, għax għalhekk qegħdin hawn, għax kieku kienet ċerta kont noħroġ *invoice*. ... Jiena qed nallega li Ray (Galea) kellu diskrepanza imma..."[36]. Dan ifisser, għalhekk, li jaqa' fuq Chefchoice li allegazzjoni bħal dik tippruvaha kif imiss, imqar sal-grad meħtieġ fi proċediment ċivili bħalma huwa dan, biex tkun tista' tgħid li wettqet il-piż tal-prova tad-dannu mġarrab;

[30] App. Ċiv. **19.6.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ċiantar vs David Curmi et***
[31] App. Inf. PS **7.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil***
[32] Ara, per eżempju, P.A. NC **28.4.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et***
[33] Ara, per eżempju, P.A. LFS **18.5.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Col. Gustav Caruana noe et vs Air Supplies and Catering Co. Ltd.***
[34] App. Ċiv. **19.6.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ċiantar vs David Curmi noe***
[35] App. Inf. **9.1.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et***
[36] Xhieda ta' Mario Tabone 27.5.2009, f'paġ. 322 tal-proċess

"Illi, fi kliem ieħor, fil-fehma ta' din il-Qorti, huwa meħtieġ li Chefchoice turi tajjeb biżżejjed li d-dannu li qiegħda tippretendi huwa kollu l-frott ta' mġiba mhux xierqa tal-imħarrek. Huwa meħtieġ ukoll li jseħħilha turi li kull ammont minnha pretiż jintrabat mal-imħarrek. Din il-Qorti m'hijiex marbuta li taċċetta bħala pruvat ammont globali li biċċa minnu biss tintrabat direttament mal-imħarrek. Il-Qorti ma tistax – lanqas fi proċediment ta' natura ċivili – ssib ħtija b'implikazzjoni, aktar u aktar jekk ikun hemm provi oħrajn li jbiegħdu l-ħtija minn persuna partikolari;

"Illi, b'żieda ma' dan, ħareġ mill-provi li għal xi żmien Chefchoice ma kenitx qiegħda tagħmel ir-rikonċiljazzjonijiet regolari minħabba nuqqas ta' personal[37]. Minbarra dan, meta ġiet biex tagħmel dawn ir-rikonċiljazzjonijiet wara li tqajmu s-suspetti, sabet li wħud mid-dokumenti meħtieġa (il-*loading sheets*) biex tagħmel proċess tajjeb ta' rikonċiljazzjoni kienu nieqsa u li minħabba f'hekk wassluha li "ma stajniex naħdmuhom, ma stajniex nikkwantifikaw"[38]. Dawn id-dokumenti kienu kruċjali biex ikun jista' jsir stħarriġ xieraq tal-qagħda. Jidher li dawn in-nuqqasijiet ma kinux jorbtu lill-imħarrek, iżda lil impjegati oħrajn ta' Chefchoice;

"Illi huwa minnu, kif sewwa tgħid Chefchoice fin-Nota ta' Sottomissjoni tagħha, li meta d-dokumenti mressqa jkunu kotba tal-kummerċ, miżmuma kif titlob il-liġi, dawn ikollhom saħħa ta' prova kif trid il-liġi[39]. Minbarra dan, m'huwiex biżżejjed għal Chefchoice li sserraħ moħħha li tkun wettqet id-dmir tagħha tal-prova sempliċement billi tgħid li esebiet id-dokumenti kollha. F'każijiet bħal dawn, meta d-dokumenti jkunu jikkonsistu minn kotba u reġistri, li jkunu jirreferu wkoll għal persuni oħra, m'huwiex biżżejjed li dawn jiddaħħlu fl-atti tal-kawża u mbagħad ma jsirx dak li jeħtieġ isir biex jintwera liema parti minn tali dokumenti tipprova dak li jkun allegat. Din il-Qorti qalitu bosta drabi li m'huwiex sewwa li l-partijiet f'kawża jitilqulha f'ħoġorha mniezel ta' dokumenti bla ma jfissrulha liema minnhom jew liema partijiet minnhom jistrieħu fuqhom bħala prova. Xogħol il-Qorti m'huwiex li tfittex hi l-prova li l-parti messha għamlet, iżda li tgħarbel il-prova mressqa. Tajjeb li jitfakkar li, f'din il-kawża, kienu l-partijiet infushom li, kif trid il-liġi[40], ħassew il-ħtieġa li jitolbu l-ħatra ta' perit komputista biex jifli d-dokumenti mressqa minn Chefchoice[41]. Meta l-komputista maħtur qata' qalbu u rrinunzja għall-ħatra, l-ebda parti ma reġgħet ressqet talba biex jinħatar ieħor minfloku. Ix-xogħol li kellu jsir minnu baqa' ma sar minn ħadd u wieħed ma jistenniex li dak ix-xogħol issa tagħmlu l-Qorti, meta dan jitlob ħin, ħila u fehma teknika li l-Qorti jista' jkun li m'għandhiex;

"Illi jidher ukoll li l-kalkolu li sar minn Chefchoice dwar l-allegazzjoni tagħha kontra l-imħarrek sar fuq id-dokumenti li nstabu bla ma tqies

[37] Xhieda ta' Joseph Mizzi 14.1.2008 u 27.2.2008, f'paġġ. 234 u 252 – 3 tal-proċess
[38] *Ibid.*, f'paġ. 236 tal-proċess
[39] Artt. 629(d) tal-Kap 12 u 22(1) tal-Kap 13
[40] Art. 23(2) tal-Kap 13
[41] Fis-sewwa dawn kienu l-istess dokumenti li Chefchoice għaddiet lill-Pulizija biex tistħarreġ il-każ u tibda proċeduri kontra min jirriżultalha u liema dokumenti kienu fil-fatt, jagħmlu parti mid-dokumentazzjoni mressqa fil-każ kontra l-imħarrek u ħaddieħor quddiem il-Qorti tal-Maġistrati

x'sata' kien hemm fid-dokumenti li kienu nieqsa[42]. Għalhekk, tgħid Chefchoice, dak li qiegħda titlob huwa biss dak li dwaru għandha d-dokumentazzjoni u mhux kulma sata' żamm għalih l-imħarrek u ma hemmx dokumentazzjoni li tippruvah;

"Illi, minbarra dan, l-imħarrkin iqanqlu wkoll il-kwestjoni tal-kontradizzjonijiet ta' Chefchoice fejn jidħlu l-provi dokumentali. Dan jgħiduh għaliex jekk kemm-il darba kien minnu li l-proċess ta' rikonċiljazzjoni dam ma twettaq żmien twil, kif jista' jkollhom mis-sewwa l-"*audited accounts*" li ressqet l-istess kumpannija attriċi bi provi tagħha? U jekk dawk id-dokumenti m'għandhomx mis-sewwa jew ma nżammewx kif trid il-liġi, kif jistgħu jitqiesu bħala provi li l-Qorti tista' toqgħod fuqhom?;

"Illi meta wieħed iqis dawn iċ-ċirkostanzi kollha, wieħed jintebaħ li Chefchoice ma kinitx f'qagħda mill-aqwa biex issegwi l-imġiba tal-impjegati tagħha b'reqqa u tempestivament. Dan sata' kien magħruf ukoll mill-impjegati nfushom. X'aktarx ta lok biex setgħu saru abbużi. Żgur li għamel il-ħajja aktar diffiċli għal Chefchoice biex tista' tipponta subgħajha lejn xiħadd minnhom partikolari u tipprova xi ħtija tiegħu. Minkejja dan, jibqa' fuq Chefchoice il-piż li tipprova kif imiss u sal-grad mistenni dak li hija tallega kontra l-imħarrek;

"Illi, wara li ngħad dan kollu u wara li l-Qorti rat sewwa d-dokumentazzjoni voluminuża mressqa minn Chefchoice, tista' ssir riferenza għad-dokumenti li ġejjin: (i) id-dokument "MT"[43] bid-data tal-11 ta' Novembru, 1998, bi prospett ta' diskrepanzi misjuba bejn il-21 ta' Awissu u d-29 ta' Awissu ta' dik is-sena; (ii) id-dokumenti markati "AL1" sa "AL4"[44]) li jikkonsistu fil-*financial statements* ta' Chefchoice għas-snin 1995 sal-1998; (iii) id-dokument "RG1"[45] li hu magħmul minn "*Salesman Record Sheets*" dwar l-imħarrek bejn it-3 ta' Awissu, 1998 u d-29 ta' Ottubru, 1998 (b'paġna oħra ta' ġimgħa bejn il-15 ta' April 1996 u d-19 ta' April, 1996); (iv) id-dokument "IP8"[46] magħmul minn għadd ta' "*salesman loading sheets*" dwar l-imħarrek bejn il-5 ta' Lulju, 1996 sal-21 ta' Marzu, 1997; (v) id-dokument(i) "IP9"[47] magħmul minn tliet (3) pitazzi ("*notebooks*") ta' "*salesman loading sheets*" dwar l-imħarrek bejn is-7 ta' Awissu, 1998 u l-aħħar ġimgħa ta' Ottubru tal-istess sena; (vi) id-dokument "IP10" magħmul minn sebgħa u erbgħin (47) ktejjeb ta' riċevuti[48], bl-ewwel wieħed u tletin (31) minnhom ikopru l-fatturi/bejgħ ("*cash sales*") maħruġa mill-imħarrek bejn it-13 ta' Ġunju, 1996 sat-23 ta' Jannar, 1997, filwaqt li l-aħħar sittax (16) ikopru l-istess attivita' tal-imħarrek (tneħħi l-ewwel tnejn u għoxrin fattura tal-ewwel ktejjeb minn dawn li jirreferu għal żmien meta l-imħarrek ma kienx għadu raġa' daħal fl-impieg ma' Chefchoice) bejn Awissu u Ottubru tal-1998; (vii)

---

[42] *Ibid.*, f'paġ. 237 tal-proċess
[43] Paġ. 18 tal-proċess
[44] Paġġ. 103 sa 163 tal-proċess
[45] Paġġ. 89 sa 102 tal-proċess
[46] Mhux enumerat
[47] Mhux enumerat
[48] M'humiex enumerati

id-dokument "IP11"[49] li huwa reġistru bi *print-out* ta' eżerċizzju ta' rikonċiljazzjonijiet magħmula għall-ġimgħa li tagħlaq fid-9 ta' Awwissu 1996, u l-ġimgħat bejn it-13 ta' Settembru, 1996 sal-24 ta' Jannar, 1997 u ż-żmien bejn il-21 ta' Awwissu u d-29 ta' Ottubru, 1998, bi prospett li jiġbor ir-riżultat ta' dak l-eżerċizzju; u (viii) d-dokument "Z"[50] li huwa ġabra aġġornata tal-prospett sħiħ ta' diskrepanzi għaż-żmien bejn il-21 ta' Awwissu, 1998 u d-29 ta' Ottubru tal-istess sena;

"Illi l-Qorti trid tgħaddi issa biex tqis jekk kemm-il darba, mill-atti kollha mressqa, Chefchoice seħħilhiex turi bi provi tajba biżżejjed jekk huwiex minnu li l-imħarrek jaħti għall-imġiba allegata minnha. Kif ingħad, l-imħarrek formalment jiċħad illi huwa jaħti b'xi mod għal dak li Chefchoice takkużah bih u jgħid li kien hemm saħansitra każ fejn il-kumpannija xlietu b'xi serq ta' vitella meta għal dan kien jaħti impjegat ieħor[51]. Minbarra dan, l-imħarrkin jgħidu wkoll li, qabel ma Chefchoice tibda twaħħal f'ħaddieħor, ikun tajjeb li wieħed iqis kemm setgħet kienet hi stess li kkontribwiet bin-nuqqasijiet ta' sorveljanza tagħha għan-nuqqasijiet li rriżultawlha;

"Illi wara li ħasbet fit-tul u qieset b'reqqa l-provi kollha mressqa, l-Qorti tasal għall-fehma li Chefchoice ma waslitx biex tipprova li l-imħarrek immisapproprja jew li dawwar għall-benefiċċji tiegħu merkanzija tagħha u li b'dak l-egħmil ġabilha danni u ħsara. Dan tgħidu għal bosta raġunijiet. Fl-ewwel lok, il-fatt li l-imħarrek m'għarafx li jispjega diskrepanza ta' konsenja waħda minn kwantita' kbira li huwa kien jingħata kull ġimgħa ma jġibx b'daqshekk li huwa seraqha jew li żamm il-flus tagħha għalih. Mid-dokumenti mressqa (partikolarment minn uħud mill-ktejjeb tal-irċevuti[52] u kif ukoll mill-konteġġi tal-proċess ta' rikonċiljazzjoni[53] fejn il-kolonna "*descrep*"[54] toħroġ negativa) saħansitra joħroġ li ġieli kien hemm każijiet fejn jissemma u jirriżulta li l-imħarrek kien ġabar aktar minn kemm kienet tiswa l-konsenja[55]. Fit-tieni lok, Chefchoice m'għarfitx tfisser għaliex, diskrepanzi li sabet matul is-sena 1996 għażlet li tgħarbilhom biss fl-1998 u mbagħad rabtithom kollha mal-imħarrek[56]. Fit-tielet lok, hemm iċ-ċirkostanza li Chefchoice reġgħet daħħlet lill-imħarrek jaħdem magħha f'Awissu tal-1998, minkejja li kienet ilha li sabet id-diskrepanzi (li mbagħad ippruvat twaħħal lill-imħarrek bihom) sentejn qabel. Għalkemm Chefchoice tgħid li qabel l-episodju ta' Ottubru tal-1998 qatt ma kien għaddhielha suspett fl-imħarrek, dan il-fatt tal-ingaġġ mill-ġdid (jekk tabilħaqq l-imħarrek kien jagħmel b'rutina dak li tixlih bih Chefchoice) jikkwalifika bħala element ta' kontributorjeta' mill-vittma. Fir-raba' lok, id-dewmien[57] li ħadet Chefchoice biex nediet l-eżerċizzju tal-iskrutinju dwar konsenji dgħajjef sewwa s-siwi tiegħu u kemm tabilħaqq wieħed jista' joqgħod fuqu. Fi

[49] Mhux enumarat
[50] Paġ. 313 tal-proċess
[51] Xhieda tiegħu f'paġ. 231 tal-proċess
[52] Dok "IP10"
[53] Dok "IP11"
[54] Li l-Qorti qiegħda tifhem li tirreferi ghal "*discrepancy*"
[55] Ara, b'eżempju, fattura 22376 tas-27.8.1998
[56] Xhieda ta' Mario Tabone 13.11.2008, f'paġġ. 288 u 290 tal-proċess
[57] Xhieda ta' Mario Tabone 12.10.2000, f'paġ. 21 tal-proċess fejn jgħid li l-proċess tar-rikonċiljazzjoni dam snin biex sar

kliem wieħed mill-uffiċjali ta' Chefchoice li xehdu jingħad espressament "*jekk ir-'reconciliation' ma ssirx sew jista' jkun hemm lok ta' abbuż*"[58]. Il-Qorti tqis li tali abbuż jista' jsir ukoll minn min, wara l-medda taż-żmien, jiġi biex jaħdem fuq dokumentazzjoni għarbiel. Fil-ħames lok, iċ-ċirkostanza tan-nuqqas ta' teħid f'waqtu tat-tqabbil tal-konsenji tas-*salesmen* fi tmiem il-ġimgħa għal żmien pjuttost twil iddgħajjef ukoll kull allegazzjoni ta' ħtija u toħloq ċirkostanzi nebolużi wisq biex wieħed jista' jsib persuna responsabbli. In-nuqqas ta' personal imħarreġ jew biżżejjed għall-ħtiġijiet ta' Chefchoice jissemma bosta drabi[59] ukoll, sa ċertu punt, jikkwalifika bħala ċirkostanza kontributorja li ġabet lil Chefchoice fil-qagħda li sabet ruħha fiha;

"Illi, qabel tagħlaq il-konsiderazzjonijiet tagħha, l-Qorti tħoss li għandha tindirizza aspett ta' prova (msemmi minn xhieda ta' Chefchoice[60]) li l-kumpannija attriċi straħet ħafna fuqu biex tipprova l-ħtija tal-imħarrek. Dan jirreferi għal offerta "*ex gratia*" li ntgħamlet f'isem l-imħarrek f'ittra mibgħuta mill-avukat tiegħu. Il-Qorti ma qisitx din iċ-ċirkostanza fil-konsiderazzjonijiet li għamlet biex tara jekk l-imħarrek jaħtix għad-danni mġarrba minn Chefchoice. Dan sar għaliex l-imsemmija offerta saret "*bla preġudizzju*" u l-Qorti taqbel mal-imħarrkin li proposta magħmula b'dik il-kundizzjoni m'hijiex prova ammissibbli;

"Illi, bħala regola, m'għandhiex titqies prova jew dokument ta' dak li l-partijiet ikunu kitbu, semmew, għamlu jew iddiskutew "mingħajr preġudizzju" qabel jew waqt li kawża tkun miexja. Dan jingħad għaliex dokument jew prova bħal dik titqies privileġġjata u riżervata, b'mod li dak il-privileġġ huwa wieħed konġunt bejn dawk kollha li dik il-prova jew dak id-dokument kien jirreferi għalihom, jorbothom kollha, u jinħall biss jekk kemm-il darba tintwera r-rieda tal-partijiet kollha involuti[61]. Din ir-regola hija waħda msejsa fuq l-ordni pubbliku[62] u maħsuba li tħajjar lil min daħal fi kwestjoni ma' ħaddieħor biex ilkoll jipprovaw jaslu biex isibu tarfha barra l-Qorti u bla ma jiftħu kawża jew itawluha[63]. L-imsemmija regola, li m'hijiex waħda inflessibbli u għandha l-eċċezzjonijiet tagħha fejn jixraq[64] (iżda li ma joqogħdux għall-każ tal-lum), tgħodd għall-kontenut tad-dokument li jkun, u ma żżommx milli dak id-dokument jitressaq bħala prova tad-data meta jkun sar jew tal-fatt li jkun tassew inkiteb, jew jekk dak li jkun inkiteb fih ma jkollux x'jaqsam mal-kwestjoni li tkun quddiem il-Qorti[65];

"Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, l-Qorti ssib li Chefchoice ma seħħilhiex tipprova fi grad tajjeb biżżejjed il-pretensjoni tagħha ta' mġiba ħażina min-naħa tal-imħarrek b'mod li tnissel id-danni u l-ħasra minnha allegati. F'dan il-każ, *actore non probante reus absolvitur*;

[58] Xhieda ta' Joseph Mizzi 11.1.2002, f'paġ. 38 tal-proċess
[59] Ara, b'eżempju, xhieda ta' Mario Tabone 3.5.2006 f'paġġ. 182 u 187 tal-proċess
[60] Ara, b'eżempju, xhieda ta' Mario Tabone 27.5.2009, f'paġ. 283 tal-proċess
[61] S. Uglow Evidence: Text & Materials (1997) f'paġġ. 233 – 5
[62] C. Tapper Cross & Tapper on Evidence (11th Edit, 2007), f'paġġ. 502 – 6
[63] Phipson On Evidence (16th Edit, 2005) § 24-16, f'paġ. 656
[64] Ara **Unilever vs Procter & Gamble** [**2001**] 1 WLR 1630, CA
[65] Cross On Evidence (5th Edit, 1979), f'paġ. 302

> "Illi ladarba l-Qorti waslet għal din il-fehma, m'huwiex il-każ li tistħarreġ il-kwestjoni tal-likwidazzjoni tad-danni mitluba fit-**tieni u t-tielet talbiet attriċi**. Għalkemm irid jingħad ukoll li kieku l-Qorti kellha tagħmel dak l-eżami, ma kienx ikun xogħol ħafif, għar-raġunijiet li ssemmew aktar qabel f'din is-sentenza;
>
> "Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:
>
> **"Tiċħad l-ewwel talba attriċi** billi ssib li l-kumpannija attriċi naqset li turi fi grad meħtieġ li l-imħarrek tassew jaħti għall-egħmil li hija tixlih bih;
>
> **"Tiċħad it-talbiet attriċi** l-oħrajn minħabba li huma konsegwenzjali għall-ewwel talba; u
>
> **"Tordna** li l-kumpannija attriċi tħallas l-**ispejjeż tal-kawża**."

Minn din is-sentenza appellat is-socjeta` attrici li qed titlob ir-revoka taghha u li allura jigu milqughin it-talbiet taghha; il-konvenut appellat qed jitlob il-konferma tas-sentenza.

L-aggravji huma sitta u se jigu kkonsidrati "seriatim".

**L-ewwel aggravju** huwa li skont l-appellanti mhuwiex minnu li hija bbazat it-talba taghha biss fuq it-tliet ragunijiet imsemmija fis-sentenza appellata izda tghid li ressqet ukoll provi dokumentarji li mill-matematika li tohrog minnhom tirrizulta gustifikata t-talba taghha fil-konfront tal-appellat.

Ghandu jinghad illi hafna mill-aggravji jirrigwardjaw evalwazzjoni li ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi illi ngiebu quddiemha – kompriz il-kredibilita` tax-xhieda. Dwar dan, u cioe`, fejn jidhol apprezzament tal-

provi kif qalet din il-Qorti stess fil-kawza fl-ismijiet **Phyliss Ebejer v. Joseph Aquilina** (10 ta' Jannar 1995) *"il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti f'kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti."* Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini v. George Wells** (15 ta' Novembru 2004) l-istess Qorti qalet li *"Huwa principju bazilari segwit minn din il-Qorti ta' revizjoni li fejn si tratta ta' apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta' fatt din il-Qorti qatt ma tiddisturba leggerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissugerixxu mod iehor."*

*"Huwa appena necessarju li tigi mfakkra l-gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti in materja fis-sens li hija ma tiddisturbax l-apprezzament li tkun ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi migjuba quddiemha jekk mhux ghal ragunijiet validi wara li din il-Qorti tkun ezaminat il-provi u l-ligi applikabbli u tikkonkludi li l-ewwel Qorti ma setghetx legalment jew ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha."* **(Borg v. Galea, Qorti tal-Appell, 3 ta' Marzu 2011).** Madankollu *"Din il-Qorti pero` f'kaz tapprezza wkoll li d-dover taghha xorta huwa li tesamina sewwa l-provi imressqa u barra minn hekk, huwa ukoll importanti li l-istess provi u l-konkluzjonijiet ta' kif graw il-fatti in kwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skond il-ligijiet taghna u l-gurisprudenza l-aktar*

*ricenti u kostanti fil-materja."* (**Attard et v. Direttur tas-Sahha, Qorti tal-Appell, 31 ta' Mejju 2014).**

Barraminnhekk il-Qorti jkollha tghid ukoll li *"Jinsorgu sitwazzjonijiet fejn, bhal f'dan il-kaz, Qorti tat-tieni istanza ma tkunx qed taghmel gustizzja jekk tillimita ruhha 'sic et sempliciter' ghal principju illi Qorti ta' revizjoni di regola ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi, u kwindi tal-konkluzjoni bazata fuq dan l-istess apprezzament, li tkun ghamlet l-ewwel Qorti."* **(Middlesea Insurance v. Galea, 20 ta' Jannar 2003, Appell Inferjuri).**

Fuq dan l-aspett, din il-Qorti tara li mhux minnu li l-ewwel Qorti skartat ghal kollox il-provi indikati mill-attriċi kif qed tallega l-appellanti, izda waslet ghall-konkluzjoni li l-istess appellanti ma rnexxiliex tipprova li kien hemm ness bejn in-nuqqasijiet li jirrizultaw f'dawn id-dokumenti u l-appellat.

Mill-provi rrizulta li fuq certi dokumenti (*loading sheets*) esebiti mill-appellanti, ma jirrizultax li kien hemm il-firma tal-appellat u jirrizulta wkoll li l-verifiki taghhom saru anke snin wara li kienu gew konsenjati. Dan kollu u fatti ohra, wassal lill-ewwel Qorti biex tikkonkludi li l-provi li ressqet l-appellanti kienu fjakki wisq biex anke f'vertenza civili jwassluha ghall-konvinciment li l-appellat kien jahti ghal dawn in-nuqqasijiet. L-

ewwel Qorti f'paragrafu tas-sentenza taghha u li jibda bil-kliem *"Illi wara li hasbet fit-tul ...,"* elenkat hames ragunijiet ghaliex kienet se tichad it-talbiet attrici u din il-Qorti tikkondividi pjenament dawn il-hsibijiet.

**It-tieni aggravju** huwa li wara li l-perit komputista mqabbad mill-Qorti rrinunzja ghal inkarigu, l-ewwel Qorti ma hatritx iehor u allura l-appellanti qed tghid li hija giet sgwidata u ma kelliex smiegh xieraq ghaliex l-istess Qorti mbaghad fis-sentenza ilmentat li l-appellanti ppretendiet illi taghmel xoghol tekniku li hila ghalih ma ghandiex. L-appellanti ghalhekk qed tilmenta li hija hasbet li l-ewwel Qorti kienet se tkun *'komda'* biex hija stess tinterpreta d-dokumenti relattivi hija stess.

Bir-rispett kollu din il-Qorti jidrilha li fic-cirkostanzi tal-kaz kellha tkun l-appellanti li taghmel it-talba biex jinhatar l-imsemmi perit. Huwa minnu li skont l-Artikolu 23 tal-Kodici tal-Kummerc il-Qorti *tista'* tahtar il-perit hija stess *ex officio* izda zgur l-appellanti ma tistax f'dan l-istadju tilmenta minn dan meta halliet il-kawza tiehu l-kors taghha u halliet lill-ewwel Qorti taghti s-sentenza minghajr ma gibdet l-attenzjoni ghal dan. *"Mhux gust li parti tqajjem materji ta' din ix-xorta quddiem din il-Qorti ta' revizjoni … ghaliex il-Qorti ma ghandhiex bhala regola tippermetti li dan isir meta l-fatti li fuqhom dawn il-kontestazzjonijiet ikunu bazati jkunu ovvjament diga` sewwa maghrufa lill-appellant qabel u waqt it-trattazzjoni tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti"* – (**Malcolm Cachia**

**nomine - v.- Joseph Apps nomine, Qorti tal-Appell, 30 ta' Gunju 1997)** riportata wkoll fis-sentenza **Gasan v. Parnis England, Appell Inferjuri, 12 ta' Jannar 2005).** Fil-kaz li ghandha quddiemha l-Qorti llum naturalment il-kwistjoni kienet li l-appellanti kien messha gibdet l-attenzjoni tal-Qorti u insistiet li jinhatar espert tekniku biex jezamina d-dokumenti relattivi.

Fis-sentenza moghtija fit-22 ta' Novembru 2002, il-Qorti tal-Appell Inferjuri, fil-kawza fl-ismijiet **Emanuel Grech et v. Carmen Taliana**, qalet illi – *"Jigi rilevat qabel kull osservazzjoni ohra illi mhux lecitu illi fi stadju ta' appell xi wahda mill-partijiet, u dan ighodd b'maggjor rigward fil-kaz tal-parti sokkombenti, tqajjem materji li ma jirrizultawx mill-atti processwali, u ma kienux jifformaw parti mill-kontroversja quddiem il-Qorti ta' l-ewwel istanza. Multo magis, imbaghad, meta dik l-istess parti, b'nuqqas jew bi traskuragni procedurali, ma tkunx indenjat ruhha tressaq il-provi taghha quddiem l-ewwel Qorti. Il-fatti rilevanti ta' kull kawza, bhala 'res gestae', huma dawk rizultanti mill-atti tal-process. Din hija norma bazilari f'kull procediment guridiku u hija korollarja tal-massima 'quod non est in actis non est in mundo' -* **David Zammit v. Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp", Qorti tal-Appell, 17 ta' Novembru, 1999.** Kwindi ladarba l-appellanti ma lmentatx quddiem l-ewwel Qorti li ma kienx inhatar espert iehor fil-materja, ma tistax issa

tressaq dan l-ilment bhala aggravju ghall-appell taghha liema aggravju allura huwa respint.

**It-tielet aggravju** ma tantx fih wisq x’wiehed jahseb ghaliex l-appellanti prattikament irrepetiet dak li sostniet fl-aggravju precedenti. Izzid biss tilmenta li l-ewwel Qorti *‘qatghet qalbha’* mill-ammont ta’ dokumenti esebiti u lanqas biss rathom – asserzjoni ghal kollox infondata.

**Ir-raba’ aggravju** fil-fehma ta’ din il-Qorti huwa marginali fil-kuntest ampju tal-kawza; l-appellanti qed tallega li l-argument tal-ewwel Qorti li kien hemm element ta’ kontributorjeta` da parti taghha meta regghet impjegat lill-appellat fl-1998 ma kellux ikun element li ssemmi l-istess Qorti fis-sentenza taghha biex tiggustifika l-konkluzjoni taghha. Izzid tghid ukoll li hija ma kellha ebda obbligu taghmel ezercizzji ta’ rikonciljazzjoni jew *spot checks*.

Fil-fehma tal-Qorti ghalkemm huwa minnu li l-ewwel Qorti ghamlet enfasi fuq dan il-punt, essenzjalment ma kienx dan il-fatt wahdu li wassal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha l-istess Qorti. Din il-Qorti tasal biex taqbel mal-appellanti li l-fatt imsemmi ma jwassalx necessarjament ghal kontributorjeta` (fis-sens legali) da parti tal-istess appellanti izda kif gia` ssemma l-fatt saljenti fid-decizjoni tal-ewwel Qorti kien li bl-applikazzjoni tan-norma “*onus probandi incumbit qui dicit non ei qui*

*negat"* (kif jghid car u tond l-Artikolu 562 tal-Kodici tal-Procedura Civili u u kif gie ripetut diversi drabi f'diversi sentenzi **Dr H Lenicker v. J. Camilleri**, Prim'Awla 31 ta' Mejju 1972 **u Peter Paul Aquilina v. Paul Vella**, Appell Inferjuri, 2 ta' Mejju 1995), l-appellanti ma rnexxilhiex tikkonvinci l-Qorti li kellha tilqa' t-talbiet taghha. Ghalhekk anke ghaliex dan l-aggravju wahdu ma huwiex determinanti ghad-decizjoni tal-Qorti, l-istess qed jigi michud.

**L-ahhar zewg aggravji** jirrigwardja t-talba tal-appellenti ghas-somma ta' circa Lm1,024 ghal perjodu lejn l-ahhar tas-sena 1998. Dwar dan l-Avukat tal-appellat kien kiteb lis-socjeta` appellanti li l-assistit tieghu kien lest ihallas is-somma ta' Lm600 purke` dan ikun a saldu tal-prestenzjonijiet kollha taghha fil-konfront tieghu. L-appellanti ssostni li dan kien evidenza li l-appellat kien konxju li kellu jaghti somma akbar. F'dan ir-rigward l-ewwel Qorti skarat ghal kollox id-dokumentazzjoni (ossija l-ittra msemmija) ghaliex qalet li dak li jsir fit-tentattiv li tigi evitata kawza huwa privileggjat u ma jistax jingieb bhala prova. F'dan ir-rigward il-gurisprudenza hija fis-sens li:

> "*Wiehed ma jkunx qed jammetti d-debitu tieghu jekk huwa jghid jew juri li huwa lest li jelimina l-kwistjonijiet reciproci b'xi transazzjoni jew b'mod bonarju. Huwa notorju li t-trattattivi li jsiru bejn il-partijiet biex tigi esplorata l-possibilita` ta' xi ftehim huma dejjem minghajr pregudizzju*" – **"Giovanna Mifsud noe et -vs- Rosaria Felice Gay", Prim'Awla, 5 ta' Ottubru 1972; "Silvio Frendo et -vs- Andrew Faenza", Appell, Sede Inferjuri, 2 ta' Gunju 2000).**
>
> *"Din il-Qorti ghamlet rassenja tas-suesposti decizjonijiet biex telucida l-punt illi l-argomenti ta' l-ewwel Qorti ma kienux konfacenti ghall-*

> *principju. Fil-kaz in ezami l-provi prodotti tad-diskussjonijiet u nkontri kienu iva indikattivi tad-disponibilita` tal-konvenut li jitratta, anke bi hsieb ta' soluzzjoni, il-kwestjoni dwar il-qaghda tal-hajt akkummat, il-kejl u l-ammont pretiz ghall-appogg. Dan l-atteggjament tal-konvenut ma kellux pero` jigi tradott bhala xi rikonoxximent da parte tieghu tad-drittijiet pretizi fil-kawza. Anke kieku stess kellu jigi ritenut illi jezisti dubju fl-interpretazzjoni ta' dan l-istess atteggjament, kif saput, u hekk ukoll akkolt, "fejn jezisti dubju serju dan ghandu jmur favur dak li kontra tieghu tkun qeghda tigi akkampata rinunzja ghad-dritt" (**Kollez. Vol XXXIII p I p 44)*. **(Mizzi v. Camilleri, Appell Inferjuri, 20 ta' Ottubru 2004).**
>
> *"Issa huwa ben stabbilit li trattativi mizmuma pendente lite intizi biex tinstab soluzzjoni ghall-kwistjoni ta' bejn il-kontendenti, jinzammu dejjem bla pregudizzju u l-kontenut ta' dawk ittrattativi, sakemm ma jkunux wassal ghas-soluzzjoni tal-vertenza, ma jista' qatt jigi uzat minn wahda mill-partijiet minghajr il-kunsens tal-kontro-parti, u mhux ammissibbli bhlala prova."* **(Appell Superjuri, Mizzi nomine vs Mousu nomine, 16 ta' April 2004).**

Fil-kaz in ezami, l-ittra msemmija tindika li l-offerta li kien qed jaghmel l-appellat kienet qed issir "bla pregudizzju" u ghalhekk l-insenjament fuq imsemmi japplika wkoll ghal dan il-kaz. L-aggravju ghalhekk huwa michud ukoll.

<u>Decizjoni</u>

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; l-ispejjez tal-appell ikunu wkoll a karigu tal-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri | Tonio Mallia | Joseph Azzopardi |
| Prim Imhallef | Imhallef | Imhallef |

Deputat Registratur
ld